# Ċ 5.2 ĠIMGĦA FIL-ĦAJJA TIEGĦI



**Ċ5.2.4.**
Nesploraw il-mixja edukattiva tipika għall-istudent Malti.

*Materjal edukattiv adattat mill-artiklu L-EDUKAZZJONI, maħdum mill-għalliema tas-Sitt Sena Sta Venera B, ippubblikat fil-ktieb L-AMBJENT UMAN, publ. Dipartiment tal-Kurrikulu, 2005*

## A. Aqra dan. Is-Sistema tal-Edukazzjoni



L-edukazzjoni tibda d-dar. Meta koppja jkollhom tarbija jibdew mill-ewwel jgħallmuha biex timxi 'l quddiem. Imma dan ma jkunx biżżejjed.

Għalhekk inħolqu l-iskejjel li jgħinu lill-genituri fl-edukazzjoni ta' wliedhom.

1. Meta t-tfal ikollhom tliet snin, jibdew jattendu l-**Kindergarten**. Hawnhekk jiltaqgħu mat-tfal tal-età tagħhom u jitgħallmu jilagħbu flimkien u jaqsmu ma' ħaddieħor.

2. Ta' ħames snin jgħaddu **għall-iskola Primarja**, fejn iqattgħu sitt snin. Jitgħallmu Malti, Ingliż, Reliġjon, Matematika, u suġġeetti kulturali bħall-Istorja, il-Ġeografija, l-Arti u l-Mużika. Fil-Primarja, pass pass, it-tfal jitgħallmu jaqraw u jiktbu sewwa.

3. Il-Kindergarten u l-iskola Primarja jinsabu f'kull belt u raħal f'Malta u f'Għawdex.

4. Ta' ħdax-il sena, it-tfal jattendu **skola Sekondarja**, fejn jitgħallmu iktar suġġetti. Għal kull suġġett ikun hemm għalliem differenti. F'dawn l-iskejjel insibu laboratorji għax-Xjenza, art rooms u f'ħafna anke gymnasiums.

5. L-iskejjel illum huma mqassma f'għaxar kulleġġi, disgħa f'Malta, wieħed f'Għawdex. Kull kulleġġ jitmexxa minn prinċipal.

6. Wara l-iskola sekondarja hemm żgħażagħ li jibdew jaħdmu. Ħafna oħrajn imorru fi skejjel ta' wara l-iskola sekondarja. Ħafna wkoll imorru l-**Junior Collage** u wara **l-Mcast** jew **l-Università**.

7. L-Edukazzjoni hija importanti ħafna mhux biss biex insibu x-xogħol li nkunu nixtiequ nagħmlu, imma biex insiru Ċittadini Tajbin.

## B. Bl-EDUKAZZJONI nitgħallmu nħarsu lejn il-bniedem b'mod sħiħ.

B'kull attivita u suġġett li nitgħallmu nsiru nafu nikkomunikaw u naħsbu u nsiru ċittadini responsabbli. Kollox imexxina lejn il-ħajja tax-xogħol u lejn il-ħajja soċjali, jiġifieri l-ħajja ma' bnedmin oħra.

1. It-tagħlim tal-lingwi jgħinna nitgħallmu naħsbu, inpoġġu l-ideat fi kliem u nitkellmu bl-ordni u mhux kif jiġu f'moħħna. Lingwa miktuba u mitħaddta tajba tgħinna matul ħajjitna. Il-qari jgħinna nifhmu lil ħaddiehor u nagħrfu d-diversi tipi ta' kotba.

2. Permezz tal-Matematika nitgħallmu naħsbu, nirragunaw l-aktar fejn jidħlu n-numri u naslu għall-konklużjonijiet.






3. Ir-Religjon u l-Istudji Socjali jħarsu lejn it-twemmin u l-kultura. Permezz tagħhom nistgħu nagħrfu r-regoli ta' mġiba tas-soċjetà.

4. Id-Drama, l-Arti u l-Mużika jgħinuna napprezzaw aktar is-sabiħ tal-ħajja u l-kwalitajiet sbieħ tal-bniedem. Nitgħallmu napprezzaw u nirrispettaw il-kulturi jew il-mod ta' għajxien ta' popli oħra.

5. L-attivitajiet sportivi jgħinuna nikbru b'saħħitna u kif naħdmu mal-oħrajn. Fil-logħob nitgħallmu:
    - nitħalltu ma' sħabna (nissoċjalizzaw)
    - insiru indipendenti
    - nitgħallmu nikkompetu b'sens ta' ħbiberija, u nifirħu meta xi ħadd jirbaħ
    - nitgħallmu nitilfu u nitgħallmu mill-iżbalji tagħna
    - nitgħallmu nkunu persistenti u ma naqtgħux qalbna
    - nitbiegħdu mill-għażż
    - nitgħallmu d-dixxiplina
    - nidraw naqsmu l-ideat tagħna, inċedu u nippjanaw flimkien
    - nidraw norganizzaw il-ħin liberu tagħna

6. Meta t-tfal jaħdmu flimkien, jitgħallmu jaqsmu l-ideat, ikunu tolleranti billi jaċċettaw lill-oħrajn u dan jgħinhom 'il quddiem fid-dinja tax-xoghol fejn għad isibu ruħhom jaħdmu fuq proġett wieħed ma' sħabhom madwar mejda waħda.

**Ċ. Wieġeb billi timla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| l-Istudji Soċjali | It-tmexxija | il-kapaċitajiet | suġġetti |
| ċittadini | itellfu | jistudjaw | id-dmir |



1. Fl-iskola jaħdmu ħafna nies. Kulħadd għandu sehem importanti x'jagħti. _______________ tal-iskola jieħu ħsiebha l-Kap tal-Iskola. Biex jgħinuh għandu lill-Assistenti Kapijiet.

2. L-għalliema huma importanti ħafna f'kull skola. Huma għandhom ir-responsabbiltà li jgħallmu lill-istudenti diversi _______________ bħalma huma l-Ingliż, il-Matematika, il-Malti, ir-Reliġjon, _______________ u x-Xjenza.

3. L-istudenti, min-naħa tagħhom, għandhom _______________ li jikkooperaw mal-għalliema billi joqogħdu attenti għal-lezzjoni u _______________. Huma m'għandhom qatt _______________ lill-għalliema milli jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

4. Fl-iskola ma nitgħallmux biss is-suġġetti li semmejna. Fl-iskola niżviluppaw ukoll _______________ kollha tagħna biex 'il quddiem insibu postna fid-dinja tax-xogħol u nsiru wkoll _______________ tajba.

**D. Wieġeb billi timmarka t-tajbin.**



1. L-edukazzjoni tagħna tibda
   a) mill-iskola.
   b) mill-Knisja.
   ċ) mill-familja.
   d) mill-ħbieb.

2. L-iskola primarja hija
   a) bejn it-2 u l-5 snin.
   b) wara l-ħdax-il sena.
   ċ) qabel il-5 snin.
   d) bejn il-5 u l-11-il sena.

3. Wara l-iskola primarja, it-tfal jibdew
   a) l-iskola sekondarja
   b) l-università
   ċ) jattendu skola tal-mużika
   d) jattendu skola privata.

4. L-iskejjel f'Malta huma
   a) kollha tal-gvern.
   b) kollha tal-knisja.
   ċ) tal-gvern u tal-knisja.
   d) immexxija mill-gvern, mill-Knisja, minn għaqdiet tal-ġenituri.

5. Il-lezzjonijiet dwar l-ambjent u l-kultura Maltija nagħmluhom l-iktar:
   a) fil-Matematika.
   b) fir-Reliġjon.
   ċ) fil-PE.
   d) fl-Istudji Soċjali.



## E. Il-Mixja tiegħi fl-iskola.

**Poġġi dawn wara xulxin skont kif tista' timxi fl-iskola.**

Junior Collage    Università    Kindergarten    Skola Primarja    Skola Sekondarja



## F. Liema minn dawn iwassluk għall-iżvilupp sħiħ bħala student?

Penġi l-kaxxi t-tajbin biss.

| | | |
|---|---|---|
| sports | gruppi ta' diskussjoni | qari tal-gazzetti |
| ġiri barra t-triq | interess fl-aħbarijiet | naħdem tajjeb fi grupp |
| inkoraġġiment | riżultati ħżiena | naħdem fil-klassi |
| sigħat twal tà televixin | ngħid fuq in-nies | studju ftit li xejn |